# 80 Sena Parrocca 1918 - 1998

## It-Twaqqif Tal-Parroċċa

Din is-sena l-Parroċċa tagħna Santa Venera qiegħda tiċċelebra t-80 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Fil-fatt l-istorja teħodna lura għall-4 ta' Settembru 1918, meta b'digriet maħruġ mill-Kurja Arċivescovili ta' Malta u ffirmat mill-Arċisqof Don Mauro Caruana li l-limiti ta' Santa Venera ġew iddikjarati bħala parroċċa indipendenti bid-drittijiet kollha ta' kull Knisja Parrokkjali.



DOM MAURUS CARUANA

ORDINIS S. BENEDICTI

Dei et Apostolicæ Sedis gratia

Arch. Rhodiensis Episcopus Melitensis

[No. 7]

Il-parroċċa ta' Santa Venera ħarġet mill-parroċċa ta' Birkirkara, fil-waqt li biex titwaqqaf din il-parroċċa ġdida ttieħdu wkoll partijiet minn Ħal Qormi, il-Ħamrun u l-Imsida u b'hekk ġew stabiliti l-ewwel konfini ta' Santa Venera.



## Il-Knisja l-Qadima u Matriċi

Dan l-avveniment hekk importanti fil-ħajja ta' kull lokal seħħ sitt snin biss wara li l-patrijiet Karmelitani kienu ilhom jieħdu ħsieb il-knisja l-Qadima. Tajjeb li wieħed isemmi li din kienet l-ewwel Parroċċa li kellhom il-Karmelitani. Din il-Knisja ċkejkna fid-daqs, iżda kbira f'dik li hi storja ma kenitx l-ewwel waħda li kien hemm f'dan il-post. Kien fl-1550 li nbniet l-ewwel knisja ddedikata lil Santa Venera. Din li nsibu llum damet tinbena 29 sena bejn l-1659 u l-1688. Il-knisja u l-kunvent li jinsab magħha għaddew minn diversi idejn qabel ma daħlu l-Karmelitani. Mal-medda taż-żmien il-popolazzjoni kibret. Dan il-prograss qed iseħħ. Il-Kurja ħasset il-ħtieġa li twaqqaf Parroċċa għal-limiti tal-Fleur de Lys f'Santa Venera. Dan seħħ fil-25 ta' Jannar 1975 u b'hekk il-Knisja l-Qadima żiedet ukoll it-titlu ta' Matriċi.

## L-Ewwel Kappillan



Għal din il-Parroċċa ġdida ntgħażel bħala l-ewwel Kappillan Patri Gwann Azzopardi. Patri Ġwann dam Kappillan ħames snin bejn l-1918 u 1923. Ta' min isemmi li bejn l-1913 u l-1918 huwa kien Viċi Parrokku tal-limit ta' Santa Venera. F'dan il-perjodi Santa Venera kienet Viċi Parroċċa fil-Parroċċa ta' Birkirkara. Waħda mill-ewwel opri tiegħu bħala kappillan kienet il-wasla tal-vara titulari li huwa kellu x-xorti jbierek. Il-vara ta' Santa Venera waslet fil-parroċċa fl-1919.

## Il-Knisja Parrokkjali l-Ġdida

Wara li l-popolazzjoni ta' Santa Venera espandiet sewwa tant li nbniet il-knisja fil-limiti ta' Fleur de Lys fl-1946, il-Karmelitani ħassew li l-popolazzjoni fin-naħa ta' Triq il-Kbira kienet żdiedet sew. Għal dan il-għan biex il-Poplu jkun jista' jinqeda



spiritwalment fl-1947 parti mix-Chateau Lonz inbidlet f'Kappella. Iżda dan ma kienx biżżejjed, il-ħtieġa ta' Knisja akbar kien għadu jinħass. Kien fl-1952 li ngħata bidu biex isiru t-travi ta' bini ta' Knisja Ġdida. Ix-xogħol fuq l-ewwel fażi u cioe' il-kripta kien lest fl-1969 u b'hekk bdew isiru l-funzjonijiet reliġjużi f'dan il-post. Il-parti tal-knisja proprja reġa' beda fl-1988 wara waqfa ta' 19-il sena. Fuq pjanti stil bażilikali Doriku x-xogħol fuq din il-Knisja għadu għaddej. Fl-1989 kien sar it-trasferiment tal-parroċċa mill-Knisja l-Qadima u Matriċi għall-Knisja l-Ġdida.

## Il-Kappillan Preżenti



Kien l-1 ta' Ġunju 1991 li fil-Parroċċa tagħna ħa l-pussess ta' Kappillan ġdid Patri Joe Vella mill-Fgura. Imwieled fit-8 ta' Awissu 1958, Patri Joe studja f'Mount Carmel College fejn wara ssieħeb ma' l-Ordni Karmelitan. Huwa għamel il-Professjoni Solenni fl-1981 u sena wara ġie ordnat saċerdot. Patri Joe serva bħala saċerdot kemm fil-Parroċċa tagħna kif ukoll f'dik ta' Fleur de Lys. Ma kienx jonqos li b'kappillan żagħżugħ l-attenzjoni prinċipali kienet lejn iż-żgħażagħ tal-Parroċċa. Fil-fatt kien reġa' nfetaħ iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Ma hemmx dubju li l-aktar ħaġa li ser jibqa' jissemma għaliha Patri Joe hija l-fatt kif biddel l-istruttura ta' l-użu taċ-Ċentru Parrokkjali. Bit-tibdiliet li saru llum numru kbir ta' Għaqdiet jistgħu faċilment jagħmlu użu miċ-Ċentru Parrokkjali, fl-istess ħin bla ma jfixklu lil xulxin. Nawguraw li s-snin li baqgħalu magħna jkomplu jkunu ta' ġid għall-komunita' Vendriża.

**Silvio Farrugia**